**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Dennis Theuma)

**vs**

**Deborah Farrugia**

Illum 31 ta` Ottubru 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata Deborah Farrugia ta` 16 il-sena, bint Dorothy nee` Farrugia imwielda Pieta` fid-29 ta` Gunju 1984 u toqghod Entrance E, Flat 7, Triq il-Konti JA Ciantar, Binja Vista, B`Kara ID 346284 M:

Talli flimkien ma Justine Camilleri u Julian Sant kienet komplici ma Darren Camilleri li fil-lejl ta` bejn il-15 u s-16 ta` Gunju 2000, fi Triq domenico Cachia, B`Kara, hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, specifikament karrozza Renault 19

bin-numru tar-registrazzjoni DAO 692, liema hsara teccedi l-Lm500.

Talli fil-lejl ta` bejn il-15 u s-16 ta` Gunju 2000, u fix-xhur ta` qabel, saqet diversi vetturi minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minghajr licenzja specifika ghall-istess vetturi u b`hekk ma kienitx koperta b`polza tas-sigurta` ghar-riskju ta` terzi persuni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li ta l-kunsens li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzata ma oggezzjonatx li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja

Rat li l-akkuzata fis-seduta tal-lum ammettiet l-akkuza migjuba kontriha.

Issibha hatja.

Rat l-Artikoli 42 tal-Kapitolu 9 kif ukoll li l-hatja saqet vetturi bla licenzja tas-sewqan u ma kienitx koperta b`polza tas-sigurta` ghar-riskju ta` terzi persuni, kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ser tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 u stante l-eta` tal-hatja, u ghalhekk filwaqt li ssib l-akkuzata hatja, **tilliberaha taht il-provvedimenti ta` l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta b`dan li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-lum u tinibiha milli tikseb licenzja tas-sewqan hlief wara sena li tkun ghalqet it-tmintax il-sena.**

Il-Qorti qed twissi lill-hatja kif titlob il-ligi.

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

Vera kopja.

L Spiteri Bailey

Dep Reg.